

- 5) Għandhom jiġu interpretati l-Artikolu 18, l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 42(1) tad-Direttiva 2014/24, il-punt 35 tal-Artikolu 2, l-Artikoli 5 u 17 tar-Regolament Nru 1013/2006 kif ukoll id-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan tal-aħħar, fis-sens li, fir-rigward ta' kuntratt pubbliku tal-immaniġġar ta' skart, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jiksibu tali servizzi b'mod leċitu biss jekk jiddefinixxu l-kwantità u l-kompożizzjoni tal-iskart, kif ukoll il-kundizzjonijiet importanti l-oħra tal-implimentazzjoni tal-kuntratt (pereżempju, l-ippakkjar), b'mod ċar u preċiż fid-dokumenti tal-kuntratt?

- (<sup>1</sup>) Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68).
- (<sup>2</sup>) Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2006 dwar vjeġġi ta' skart (ĠU 2006, L 190, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 334, p. 46 u fil-ĠU 2015, L 277, p. 61).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sąd Rejonowy w Opatowie (il-Polonja) fit-8 ta' Lulju 2020 – Ultimo Portfolio Investment (Luxembourg) S.A. vs KM**

(Kawża C-303/20)

(2020/C 329/06)

Lingwa tal-kawża: il-Pollakk

**Qorti tar-rinviju**

Sąd Rejonowy w Opatowie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Ultimo Portfolio Investment (Luxembourg) S.A.

Konvenut: KM

**Domanda preliminari**

Is-sanzjoni għar-responsabbiltà għal kontravvenzjonijiet prevista fl-Artikolu 138c(1) tal-Kodeks wykroczeń (il-Kodiċi Pollakk għall-Kontravvenzjonijiet) għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu tal-evalwazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur previst fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE (<sup>1</sup>) tikkostitwixxi implimentazzjoni xierqa u suffiċjenti tar-rekwiżit ta' stabbiliment fid-dritt nazzjonali ta' sanzjonijiet effettivi, proporzjonali u dissważivi għall-ksur, min-naħa tal-kreditur, tal-obbligu ta' evalwazzjoni tal-affidabbiltà finanzjarja tal-konsumatur impost fuq Stat Membru permezz tal-Artikolu 23 tad-Direttiva 2008/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar ftehim ta' kreditu għall-konsumatur u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 87/102/KEE?

(<sup>1</sup>) ĠU 2008, L 133, p. 66, rettifika fil-ĠU 2009, L 207, p. 14, fil-ĠU 2010, L 199, p. 40 u fil-ĠU 2011, L 234, p. 46

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Administratīvā apgabaltiesa (il-Latvja) fit-22 ta' Lulju 2020 – SIA MONO vs Valsts ieņēmumu dienests**

(Kawża C-326/20)

(2020/C 329/07)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

**Qorti tar-rinviju**

Administratīvā apgabaltiesa

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti fl-ewwel istanza u appellanti fl-appell: SIA MONO

Konvenut fl-ewwel istanza u appellat fl-appell: Valsts ieņēmumu dienests